



Brussell, 5 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15053/22

Fajl Interistituzzjonal:
2022/0377 (NLE)

LIMITE

POLCOM 187
WTO 223
AGRI 658
UD 257
UK 163

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem I-Unjoni, tal-Ftehim bejn I-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ĝeneralu dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

DEĊIJONI TAL-KUNSILL 2022/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil
skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġeneral
dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet
fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV
tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit
mill-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,


¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ġunju 2018 il-Kunsill awtorizza li l-Kummissjoni tiftaħ negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 mar-Repubblika Federattiva tal-Brażil, dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea..
- (2) In-negozjati mar-Repubblika Federattiva tal-Brażil ġew konklużi b'suċċess u l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (“il-Ftehim”) ġie inizjalat fl-14 ta' Settembru 2022.

- (3) Il-Ftehim ġie ffírmat f'isem l-Unjoni ... ⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/...¹⁺⁺
- (4) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:



⁺ ĠU: jekk jogħġgbok daħħal id-data meta ġie ffírmat il-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 15054/22.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/... ta' ... dwar l-iffírmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (ĠU L ...).

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġgbok daħħal in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 15052/22 fit-test u kkompleta n-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti.

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 6(1) tal-Ftehim².

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi ... [daħħal ir-referenza tal-ĠU għad-dokument ST 15054/22].

⁺ Delegazzjonijiet: araw id-dokument ST 15054/22.

² Id-data tad-dħul fis-seħħi tal-Ftehim ser tīgi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

*Għall-Kunsill
Il-President*